**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lill-Membri kollha tal-Kunsill

## LAQGĦA TAL-KUNSILL

**It-33 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi** ser issir nhar **it-Tnejn 18 ta' Mejju 2015 fil-5:30pm,** fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi QRD 1103.

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Aġenda**

---

1. **Qari tal-Minuti**
2. **Korrispondenza**
3. **Aġġornament dwar il-Festival Agrarju tal-Patata 2015**
4. **Aġġudikazzjoni ta' Sejħiet t'Offerti maħruġa mill-Kunsill Lokali tal-Qrendi**
5. **Rendikont tax-xogħol imwettaq mill-Kunsillieri kollha bejn Novembru 2014 u Mejju 2015**
6. **Komunikazzjoni mis-Sindku**
7. **Finanzi**
8. **Aġġornament**

---

Ikun xieraq li l-Kunsillieri kollha jkunu preżenti fil-ħin, biex il-Laqgħa tkun tista' tiddiskuti u tiddisponi l-Aġenda mingħajr telf ta' ħin.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tat-33 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tnejn 18 ta' Mejju 2015 fil-5:30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat għall-ħabta tas-7:30 ta' filgħaxija.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |
| Ambaxxatur | Justin Debattista |

**Skużat:**

| | |
|---|---|
| Kunsillier | Daniel Farrugia (bagħat ir-raġuni permezz ta' ittra li kienet aċċettata mill-Kunsill Lokali |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ppreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

1. **QARI TAL-MINUTI**

1.1 Il-Minuti tal-31 u 32 Laqgħa tal-Kunsill Lokali ġew moqrija u approvati.

2. **KORRISPONDENZA**

2.1 Inqrat Memo 8/2015, mibgħuta mis-Sa. Maria Zammit għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 8/2015 – Ftehim Kollettiv għal Ħaddiema Klerikali tal-Kunsilli Lokali/Kumitati Reġjonali 2012-2016 – *Progression* wara 5 snin servizz.**

2.1.1 Is-Sindku David Schembri qal li kemm l-Assistent Prinċipal Stephania Grixti kif ukoll il-Clerk Stephanie Caruana huma eliġibbli għal din il-*progression*.

2.1.2 Għaldaqstant huwa ppropona li kemm Stephania Grixti u Stephanie Caruana għandhom jieħdu din il-*progression*.

2.1.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta.

2.2 Inqrat Memo 10/2015, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 10/2015 – Għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-responsabilita' ta' Librerija Lokali.**

2.2.1 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill Lokali għandu joħroġ €600 u ningħataw €600 oħra min-naħa tal-Gvern.

2.2.2 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.2.3 Is-Sindku żied li fil-jiem li għaddew il-librerija tal-Qrendi rċiviet ammont ta' kotba għall-ammont ta' €1,151.94 mingħand is-Sur Steve Borg.

2.3 Inqrat Memo 11/2015, mibgħuta mis-Sur Cleavon Vella għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 11/2015 – Skema ta' Restawr ta' Postijiet Storiċi.**

2.3.1 Is-Sindku qal li l-ħsieb tal-Kunsill Lokali huwa li napplikaw sabiex jiġi restawrat is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena.

2.3.2 Żied li diġa' qegħdin nitkellmu mal-Kappillan dwar dan ir-restawr.

2.3.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament mal-proposta tas-Sindku.

2.4 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Stedina għall-Ewwel Forum ta' Sindku mill-EU, l-Amerika Latina u l-Karibew *(EU-LAC Mayors' Forum)* – il-Ħamis 4 ta' Ġunju 2015 fi Brussell, il-Belġju.**

2.5 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Riżultat uffiċjali tal-Elezzjoni għall-Kunsilli Lokali 2015 fil-Gazzetta tal-Gvern numru 19,416.**

2.6 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Avviż għall-Istampa – Reġistru Elettorali ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern.**

2.7 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Kunċert tal-Istitut Kulturali malti – It-Tnejn 4 ta' Mejju 2015.**

2.8 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christopher Galea għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **URĠENTI – Bdil tal-Isem tat-Triq il-Ħniena – KL il-Qrendi.**

2.8.1 Is-Sindku qal li se nkunu qegħdin inwieġbu lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali f'dan ir-rigward.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.9 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Adrian Mifsud għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Performance Management Programme – Study Visit and Training in Norway.***

2.10 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Adrian Mifsud għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Leadership Academy Programme for Local Government – A Partnership for Creative Governance.***

2.11 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Malta Day by Day*** **– Attivitajiet Mejju 2015 –** ***URGENT NEED REPLY.***

2.12 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***May Activity Posters.***

2.13 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Internet Connection – Melita Package (Memo 17/2014).***

2.14 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Report for Cultural Activities Scheme – Memo 27/2014.***

2.15 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Mary Muscat għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Urġenti – Informazzjoni Dwar** ***Bulky Refuse.***

2.16 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Mary Muscat għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Każ Nru. 366 Website www.lc.gov.mt**

2.17 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Mary Muscat għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Important – International Awareness Day.***

2.18 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Mary Muscat għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***URGENT – Peter Serracino Inglott Award.***

2.19 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marica Axiaq għad-Direttur tal-Gvern Lokali,

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

bit-titlu ***MARS System.***

2.20 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marthese Parascandalo għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Konferenza tal-Aħbarijiet – Festival Agrarju tal-Patata 2015.**

2.21 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Dorothy Vassallo, Uffiċjal fis-Segretarjat tal-*Malta Community Chest Fund*, bit-titlu ***Community Day.***

2.22 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria-Lourdes Grech, Direttur Ġenerali fl-Uffiċċju tal-Kabinett, bit-titlu **Rispons – Kunsill Lokali Qrendi.**

2.23 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Dorielle Theuma, Clerk fl-Uffiċċju tal-President, bit-titlu ***Invitation – Launch Breastfeeding Unit***.

2.24 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christopher Cutajar, Aġent Segretarju Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni għall-Gvern Lokali, bit-titlu ***Circular LGA 22/2015 – Shared Spaces in Urban Areas –Improving the Urban Environment.***

2.25 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni għall-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AGL Ċirk 23/2015 – Tqassim ta' cards tal-passiġġieri tat-trasport pubbliku.**

2.26 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni għall-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AGL Ċirk 24/2015 – *Webcheck.***

2.27 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni għall-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AGL Ċirk 25/2015 – *EU Funding Training and Informative Seminar.***

2.28 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni għall-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AGL Ċirk 26/2015 – Tqassim ta' Tallinja Cards.**

2.29 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Vassallo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tan-Nofsinhar, bit-titlu **Kors ta' Taħriġ għall-Użu tal-Magna AED li ġiet mogħtija mir-Reġjun Nofsinhar.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.30 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Vassallo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tan-Nofsinhar, bit-titlu **Kampanja Edukattiva – Gwardjan Lokali – Infurzar b'Edukazzjoni.**

2.31 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Vassallo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tan-Nofsinhar, bit-titlu **Apprezzament lis-6 Sindki uxxenti mir-Reġjun Nofsinhar.**

2.32 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Vassallo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tan-Nofsinhar, bit-titlu **Reġjun Nofsinhar – Sessjoni Plenarja Annwali 2015.**

2.33 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Paul Gatt, President tal-ANSEK, bit-titlu **Sessjoni Importanti ta' Informazzjoni dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart.**

2.34 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Terence Camilleri, Segretarju tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***MeDIETerranea Food Festival 15$^{th}$-16$^{th}$ May 2015 – MCC Valletta.***

2.35 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Dorothy Scicluna, *Senior Staff Nurse* fil-Ministeru tas-Saħħa, bit-titlu ***Lifestyle clinic advertisment to Local Councils.***

2.36 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Anna Galea, *Senior Principal* fil-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura, bit-titlu ***Zebra Crossings* madwar Malta – 2015.**

2.37 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-MEUSAC bit-titlu **Fondi tal-UE: Sejħa għall-proposti fis-settur turistiku.**

2.38 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Scicluna bit-titlu ***UIF Statement of Funds.***

2.39 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Perit Toni Bezzina bit-titlu ***Extension of Contract.***

2.40 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Perit Janice Borg mill-Ministeru għax-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Xogħolijiet u Infrastruttura, bit-titlu ***Works in Wied iż-Żurrieq.***

2.41 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Mary Anne Bonello, Uffiċjal Xjentifiku fil-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u l-Bidla fil-Klima, bit-titlu ***Protection for trees during roadworks.***

2.42 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Victoria Gouder, Prinċipal fil-Kulleġġ San Benedittu, bit-titlu **SBC Stedina.**

2.43 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Angela Vella, *Lifelong Learning Coordinator in the community,* bit-titlu ***Lifelong Learning Courses and Venues.***

2.44 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Angela Vella, *Lifelong Learning Coordinator in the community,* bit-titlu ***Open Day @ Msida Lifelong Learning (9th May).***

2.45 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Tommy Debono minn Transport Malta, bit-titlu ***DPN of a band march in Qrendi – 23 April 2015.***

2.46 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Tommy Debono minn Transport Malta, bit-titlu ***DPN of a band march in Qrendi – 14 May 2015.***

2.47 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Charlene Mercieca Magro, *Waste Recycling Officer* ma' GreenPAK Ltd., bit-titlu ***Distribution of vouchers for free bags.***

2.48 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jane Giudice, Kelliema ta' ME/CFS & FM Alliance v/o 818, bit-titlu ***Light up the Night – May 12th 2015 International Awareness Day.***

2.49 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Karmen Coleiro mill-*Animal Guardians Malta*, bit-titlu ***The SCAN Project.***

2.50 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Rachel Abela bit-titlu ***Let's Do It Malta – Invitation.***

2.51 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Stephanie Mizzi minn Paragon Europe, bit-titlu ***Visit to Local Council.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.52 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Jesmond Bonnici bit-titlu ***Event at*** **Tal-Maqluba Area.**

2.53 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Franklin Grima mill-1st Ħamrun Scouts Group, bit-titlu ***Cookout at Qrendi.***

2.54 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur David Pisani minn *The Clean Food Movement*, bit-titlu ***Enquiry: Use of Herbicides.***

2.55 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Darren Gatt bit-titlu ***Proposed name change for part of Triq il-Ħniena.***

2.56 Inqrat ittra mibgħuta mill-Perit Joseph Borg Grech dwar bankina fi Triq il-Ħniena.

2.56.1 Wara diskussjoni dwar din it-talba, l-Kunsill Lokali ma qabilx li għandha ssir bankina f'din il-parti ta' Triq il-Ħniena għal dawn ir-raġunijiet:

i. Qatt ma kien hemm problema ta' sewqan veloċi f'din it-triq
ii. Qatt ma kien hemm problema ta' parkeġġ u f'din it-triq jipparkjaw biss ir-residenti
iii. Jekk il-Kunsill Lokali jilqa' t-talba u jagħmel bankina, jkollu jibqa' nieżel biha għat-tul tat-triq kollha.

## 3. AĠĠORNAMENT DWAR IL-FESTIVAL AGRARJU TAL-PATATA 2015

3.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li l-preparamenti għall-Festival Agrarju tal-Patata ta' din is-sena kważi huma kollha lesti.

3.2 Qal li saru żewġ laqgħat mas-Soċjetajiet u l-Għaqdiet tal-lokal fejn dawn ftiehmu bejniethom x'ikel se jippreparaw għal dakinhar tal-Festival.

3.3 Spjega kif anke l-parti tad-divertiment hija magħluqa u hemm diversi

kantanti u żeffiena li se jieħdu sehem.

3.4 Il-Viċi Sindku tkellem ukoll dwar il-wirja artistika u qal li b'kollox għandna għaxar artisti li se jieħdu sehem, b'żewġ xogħolijiet tal-arti kull persuna.

3.5 Żied li anke d-dħul għat-tempji ta' Ħaġar Qim u l-Imnajdra se jkun biss għal donazzjoni ta' €1 u dan sabiex issir promozzjoni akbar lill-Festival min-naħa ta' Heritage Malta.

3.6 Spjega kif il-Kunsill Lokali ħaseb ukoll li jkollna *vintage bus* li se tkun qiegħda ddur mat-toroq tal-Qrendi u se tkun qiegħda twassal sat-tempji ta' Ħaġar Qim u l-Imnajdra.

3.7 Tkellem ukoll dwar il-palk għal dan il-Festival u qal li nippruvaw esperiment ġdid billi l-palk se jimxi minn Triq il-Biżantini għal Triq il-Kastiljani.

3.8 Barra minn hekk, il-Viċi Sindku ta d-dettalji dwar kif f'dan il-Festival se nkunu qegħdin ngħinu lil Dr. Klown billi nbiegħu l-imnieħer aħmar u l-flus li ndaħħlu ngħadduhom lil din l-NGO.

3.9 Fl-aħħarnett tkellem dwar il-pubbliċita' u qal li din se tkun b'saħħitha ħafna fl-aħħar ġimgħa tal-Festival u qegħdin nitkellmu mal-media sabiex jgħinu nagħmlu promozzjoni tajba.

## 4. <u>AĠĠUDIKAZZJONI TA' SEJĦIET T'OFFERTI MAĦRUĠA MILL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI</u>

4.1 Is-Sindku David Schembri tkellem dwar is-sejħa għall-offerti QLC SACE 49/15 (*Services of an Architect and Civil Engineer)*.

4.1.1 Qal li l-Perit William Lewis u l-Perit Anthony Bezzina kienu l-aktar żewġ periti preferiti mill-Kunsill Lokali.

4.1.2 Is-Sindku fakkar li bħala Kunsill Lokali ltqajna ma' dawn iż-żewġ periti fejn

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

il-Perit Anthony Bezzina spjega li hu kien lest li l-applikazzjonijiet għall-proġetti Ewropej jeħodhom mill-ewwel f'idejh, kif fil-fatt kien isir fil-passat mal-Kunsill Lokali fejn irnexxielna nġibu diversi fondi, filwaqt li l-Perit William Lewis kien qalilna li l-ewwel il-Kunsill Lokali japplika, imbagħad jekk ikun se jieħu xi fondi minn xi proġett partikolari tal-UE, huwa jidħol fih bħala perit tal-Kunsill Lokali.

4.1.3 Is-Sindku qal li wara evalwazzjoni ta' diversi ġimgħat dwar din is-sejħa, hu jipproponi li għandna nagħżlu lill-Perit Anthony Bezzina.

4.1.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta.

4.2 Is-Sindku tkellem ukoll dwar is-sejħa għall-offerti QLC PC 49/15 *(Public Conveniences)*.

4.2.1 Qal li minħabba li din is-sejħa qiegħda quddiem il-Bord tal-Appell, kellna nagħtu tliet xhur estensjoni lill-kuntrattur preżenti.

4.2.2 Spjega kif s'issa għadna ma smajna xejn mingħand il-Bord tal-Appell u għaldaqstant din is-sejħa għadha sospiża.

## 5. RENDIKONT TAX-XOGĦOL IMWETTAQ MILL-KUNSILLIERI BEJN NOVEMBRU 2014 U MEJJU 2015

5.1 Is-Sindku David Schembri talab lill-Kunsillieri sabiex jagħtu rendikont tax-xogħol imwettaq minnhom fil-Kunsill Lokali bejn Novembru 2014 u Mejju 2015.

5.2 Il-Viċi Sindku spjega x-xogħol li għamel marbut mar-responsabiltajiet tiegħu u ppreżenta dan ix-xogħol li jinsab bħala Appendiċi A ma' dawn il-Minuti.

5.3 Il-Kunsillier Daniela Farrugia ukoll tat rendinkont ta' xogħolha li jinsab anness ma' dawn il-Minuti bħala Appendiċi B.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

5.4 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud ippreżentat rapport dwar il-ħidma tagħha li jinsab anness ma' dawn il-Minuti bħala Appendiċi Ċ.

5.5 L-Ambaxxatur għaż-Żgħażagħ Justin Debattista qal li min-naħa tiegħu attenda żewġ laqgħat informattivi dwar il-Vot 16.

## 6. <u>KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU</u>

6.1 Is-Sindku David Schembri qal lix-xogħol fuq l-istatwi li jinsabu fuq il-pedestalli madwar il-lokalita' issa tlesta.

6.1.1 Tenna iżda li se jingħata *coating* ieħor ta' żebgħa fuq il-pedestalli tal-Madonna tal-Ħniena u ta' Sant'Anna.

6.2 Is-Sindku tkellem ukoll dwar iċ-Ċimiterju tal-Ars u qal lix-xogħol f'dan iċ-ċimiterju tlesta u fil-fatt reġa' nfetaħ uffiċjalment għall-pubbliku f'Jum l-Omm.

6.3 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li saret mal-Fondazzjoni tat-Turiżmu fuq Wied iż-Żurrieq.

6.3.1 Semma' kif ġew diskussi diversi punti importanti bħalma huma l-parkeġġ, l-binja ta' toilets ġodda u ż-żona tal-ponot.

6.3.2 Spjega kif jidher li l-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu lesta tgħin f'dan l-iżvilupp u tisbiħ, ġaladarba jkun hemm il-permessi kollha tal-MEPA.

6.3.3 Qal li bħala Kunsill Lokali diġa' tkellimna mal-Perit Anthony Bezzina u jidher li sabiex jiġu rranġati ċertu żoni rridu l-permessi kompluti tal-MEPA u ma nistgħux naħdmu b'sempliċiment DNO.

6.4 Is-Sindku tkellem dwar il-moll tad-dikkiena u qal li dan ilu mkisser għal dawn l-aħħar tliet snin u suppost għandu jibda jiġi rranġat mid-Dipartiment

tax-Xogħolijiet fi żmien ħmistax oħra.

6.4.1 Spjega kif apparti dan ix-xogħol se jkunu qegħdin isiru wkoll il-*hand railings* tad-dikkiena u dan qabel jibda l-istaġun tas-Sajf.

6.5 Is-Sindku tkellem dwar waħda mit-twieqi tal-Knisja Parrokjali li qiegħda tiġi restawrata mill-ħaddiema tal-IPSL.

6.5.1 Spjega kif il-Kunsill Lokali mhux se jkun qiegħed joħroġ finanzi sabiex isir dan ir-restawr u dan minħabba li l-materjal kollu li qed jintuża' qiegħed jitħallas mill-Parroċċa.

6.6 Is-Sindku tkellem dwar il-publikazzjoni tal-ktieb dwar il-Qrendi, miktub mill-Professur George Cassar u qal li dan il-ktieb daħħalnieh għall-konkors Premju Nazzjonali tal-Ktieb.

6.6.1 Spjega kif għalkemm mhuwiex faċli li tirbaħ kompetizzjoni simili, minħabba li l-ktieb sa fi żmien qasir kif ukoll ma kienx hemm ammont kbir ta' fondi allokati għalih, biss xorta waħda isimna se jkun qiegħed f'din il-kompetizzjoni.

6.6.2 Qal li l-fatt biss li se nikkompetu mhux biss se sservina bħala promozzjoni qawwija ħafna għal dan il-ktieb imma wkoll promozzjoni għall-istorja tal-Qrendi u ta' niesu.

6.7 Is-Sindku tkellem dwar il-*village itineraries* u qal li ilna għal dawn l-aħħar tliet snin niddiskutu dwarhom u issa qegħdin nippruvaw li ma' lokalitajiet oħra nwessgħu din l-esperjenza.

6.7.1 Spjega kif bħala Kunsill Lokali qegħdin naħdmu mal-lokalitajiet viċini, bħalma huma l-Imqabba, Ħal Kirkop u Ħal Safi.

6.8 Is-Sindku tkellem dwar il-kampanja *Let's Do It Malta*.

6.8.1 Qal li din l-attivita' ta' tindif minn taħt il-baħar f'Wied iż-Żurrieq setgħet kienet organizzata aħjar.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

6.9 Is-Sindku tkellem dwar il-ħaddiema tal-IPSL li ntbagħtu mill-kumpanija sabiex jgħinu f'xogħolijiet fil-lokal.

6.9.1 Qal li wara li tlesta x-xogħol fiċ-Ċimiterju tal-Ars, dawn il-ħaddiema rranġaw ħajt perikoluż li kien hemm fi Triq il-Biżantini, kif ukoll ħajt tas-sejjieħ fi Triq Ħaġar Qim.

6.10 Is-Sindku tkellem dwar l-istat perikoluż tal-bieb tal-ġenb tal-Ġnien tal-Kmand u qal lix-xogħol propost għadu ma nbediex.

6.10.1 Spjega kif dan ix-xogħol se jkun qiegħed isir mid-Dipartiment tax-Xogħolijiet u li se jiġri hu li se tinqala' l-qoxra tal-faċċata sabiex jitneħħa kull periklu.

6.10.2 Żied lix-xogħol mistenni jibda wara l-Festival Agrarju tal-Patata sabiex il-ħaddiema jkunu jistgħu jieħdu l-ħin kollu li għandhom bżonn.

6.11 Is-Sindku tkellem dwar Triq il-Puniċi u qal li rċevejna l-aħbar lix-xogħol f'din it-triq wasal biex jinbeda u mistenni jsir matul dan is-Sajf.

6.12 Is-Sindku tkellem ukoll dwar Triq is-Siġġiewi u qal lit-tender jinsab fil-fażi t'aġġudikazzjoni u għaldaqstant qegħdin nistennew lix-xogħol jinbeda fil-ġimgħat li ġejjin.

6.13 Is-Sindku tkellem dwar il-Festival MeDIETerranea u qal li f'dan il-Festival ħadu sehem xi residenti Qrendin.

6.13.1 Qal li ħadu sehem Catherine Ciappara, Rita d'Amato, Raymond Farrugia u Betty Mallia u li dawn l-individwi rrappreżentaw lil-lokalita' tagħna.

6.14 Is-Sindku tkellem ukoll dwar laqgħa li saret mal-Perit Anthony Bezzina sabiex flimkien niddiskutu x'jista' jsir fi Triq Antonio Chircop sabiex nevitaw li karozzi li jkunu se jidħlu fil-qalba tal-Qrendi mill-*by-pass* ma jgħaddux *wrong way*.

6.14.1 Qal li se nkunu qegħdin nibagħtu xi suġġerimenti u pjanti lil Transport Malta għall-approvazzjoni tagħhom.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

6.14.2 Is-Sindku żied li tkellimna wkoll dwar il-possibilta' li ssir *roundabout* fi Triq it-Tempesta faċċata ta' Triq iż-Żurrieq kif ukoll li forsi ssir *roundabout* oħra fi Triq iż-Żurrieq fejn it-triq tingħaqad ma' Triq il-Biżantini u Triq Manwel Sciberras.

6.15 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li hemm bżonn li tintbagħat ittra lir-residenti ta' Triq Monsinjur Ġużeppi De Piro sabiex ma joħorġux l-iskart domestiku filgħaxija minħabba li qiegħed ikun hemm ħafna ħmieġ fit-triq.

6.16 Il-Viċi Sindku staqsa jekk intbagħtitx ittra t'apprezzament lis-Soċjetajiet Mużikali għar-rebħ tal-unuri fil-Festivals Nazzjonali u Internazzjonali tan-Nar tal-Art u tal-Ajru.

6.16.1 Is-Sindku wieġeb fl-affermattiv.

6.17 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud staqsiet meta se jsiru il-mirja fi Triq il-Panorama.

6.17.1 Is-Sindku wieġeb li la jkollna l-fondi se nkunu qegħdin nieħdu ħsieb li dawn il-mirja jsiru jew inkella nużaw il-fondi li se ningħataw mir-Reġjun tan-Nofsinhar.

## 7. **<u>FINANZI</u>**

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €16,437.59c skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 05/15 u €80.10c skont il-*Petty Cash* Ref S/04.

7.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi ppropona li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

7.3 Il-Kunsillier Charles Zerafa u l-Kunsillier Daniela Farrugia ssekondaw u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 8. AĠĠORNAMENT

8.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-7pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 15 ta' Ġunju 2015 fil-5:30pm.

________________________ ________________________

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

**David Schembri**
**Sindku**